**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** — **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (51)

Ħafna mill-qaddiefa intervistati (1975-90) li l-etá tagħhom kienet tvarja minn 70 u 85 sena kollha saħqu li kemm waqt il-provi fil-kanal kif ukoll fir-Regatta, fuq iż-żewġ naħat tal-Port il-Kbir kienu jkunu mimlijin bin-nies, u minkejja li wara l-gwerra, l-organizzazzjoni tar-Regatta, il-premjijiet tal-flus kienu żdiedu u n-nies baqgħet tagħmel għaliha – it-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra, bl-inkwiet kollu li kien jinqala' fihom, kienu isbaħ, eċċitanti u aktar brijużi.

U ngħidilkom is-sewwa, kull meta kont nismagħhom jgħidu hekk ma kontx nikkummenta xejn - kont naħseb li l-ħsieb kien qed jiġri bihom, peress li jien ta' 10/12-il sena kont niftakar tajjeb x'folol kbar ta' nies kienu ta' kuljum isegwu l-provi l-Ponta tal-Isla u d-dwana, u l-eluf kbar ta' spettaturi li kull sena f'nhar il-Vitorja kienu jimlew kull rokna tal-Port il-Kbir (fuq l-art u l-baħar) biex isegwu r-Regatta Nazzjonali.

U bejni u bejn ruħi kont nistaqsi, kemm setgħet kienet akbar l-atmosfera fil-port qabel il-gwerra, għax jien niftakar qisu l-bieraħ, il-briju kbir li kien jaħkem il-port waqt kull tiġrija, bil-partitarji ta' kull distrett ixejru l-bnadar, ikantaw, isaffru, jgħajtu, bil-banda d-dwana jdoqq l-marċi, u waqt li kull tiġrija ħlief daqq ta' sireni, taħbit fuq it-tnabar, ħornijiet, għajjat, ċapċip kienu jidwu mal-port kollu, kull meta xi dgħajsa tal-Isla kienet tidħol l-ewwel kienet tinħaraq musketterija wara t-trunċieri u minn fuq il-knisja tal-Portu Salvu (San Filippu) kienu jittellgħu l-murtali li kienu jdamdmu l-port. Ovvjament jien ma nafx x'kien isir qabel il-gwerra, iżda nimmaġina li l-istess ħeġġa, spirtu u atmosfera li niftakar jien fi tfuliti, kien jaħkem ukoll il-Port il-Kbir fit-tiġrijiet li saru fih bejn iż-żewġ Gwerer Dinjija.

Ħaġa tal-għaġeb, ħafna minn dawn il-qaddiefa, irrispettivament minn liema lokalitá, huma u jitkellmu b'tant entużjażmu dwar it-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra u warajha (snin 50/60), waqt li kienu jipparagunaw iż-żewġ żminijiet, dejjem saħqu li l-attendenza ta' spettaturi bdiet tonqos wara s-snin 70, u dan kollu kien dovut minħabba l-atteġġament tal-qaddiefa li minflok baqgħu jitħarrġu ħdejn l-imħażen tagħhom - attrazzjoni sabiħa li kienet tiġbed ħafna partitarji lejn kull club bdew jidħlu mill-ewwel fil-kanal - ħaġa li huma (fiż-żmienhom) ma kinux jagħmluha qabel l-aħħar ta' Awwissu.

Issa tinsewx, 'li dawn il-qaddiefa qegħdin jitkellmu dwar in-nuqqas ta' spettaturi (waqt il-provi fil-kanal u r-Regatta Nazzjonali) - meta fis-snin 80 Bormla kienet fl-aqwa tagħha, u meta f'nofs is-snin 70 rajna l-qawmien tad-distrett tal-Marsa , apparti li kemm l-Isla, il-Birgu u l-Kalkara kienu armati tajjeb f'kull korsa. Ma ninsewx ukoll, li f'dak iż-żmien ma kinitx teżisti l-problema tal-qaddiefa, mhux tali hekk, iżda bħali tiftakru, li ħafna qaddiefa kienu jirreġistraw mill-inqas għal tliet snin mal-club.



Ritratt mill-ajru tal-Port il-Kbir waqt ir-Regatta Nazzjonali - Tiġrija akkanita tad-Dgħajjes tax-Xogħol fil-bidu tas-snin 80

Fis-snin 90, jien niftakarni ninżel ħdejn il-club ta' Bormla u nsib tużżana partitarji, meta snin qabel kien ikun hemm madwar 200 spettatur bejn partitarji u dilettanti. Anke l-Ponta tal-Isla, fis-snin 50/60 u l-bidu tas-70 kien ikun hemm għexieren ta' dilettanti jsegwu l-provi, iżda min-nofs is-snin 80 'il quddiem in-nies bdiet tonqos drastikament kull sena, u llum ma tara lil ħadd isegwihom.

Sas-snin 90, fid-dwana kien ikun hemm għadd ġmielu ta' partitarji Bormliżi, Ġirbin u Marsin isegwu dawn il-provi, illum ma tara lil ħadd. Għaliex – kulħadd b'fehmiet differenti, iżda f'fehma waħda jaqblu - li r-Regatta marret lura, u n-nies baqgħet tonqos kull sena - kulħadd għajnejh f'wiċċu għandu, u f'ta' Marzu agħar minn tal-Vitorja! Hemm bżonn li ssir xi ħaġa biex insalvaw din id-drawwa antika! Nappella lill-gvern li jgħin kemm jista' finanzjarjament lill-clubs tar-Regatta, u nappella aktar lid-dirġenti ta' kull club biex ma jħallux lill-qaddiefa tagħhom jidħlu fil-kanal qabel il-festa ta' Santa Marija ...

Il-kumitati għandhom iħeġġu lill-qaddiefa tagħhom biex jittrenjaw fil-viċinanza tal-club biex il-partitarji jerġgħu jibdew jinżlu ħdejn l-imħażen tar-Regatta jsegwu dawn il-provi kif kien isir fl-imgħoddi: Bormla għandhom firxa u spazju fejn jittrenjaw mill-Maċina sad-Dock numru Wieħed, il-Birgu u l-Kalkara, tradizzjonalment minn taħt iż-żiemel sal-imħażen tagħhom, il-Marsa fil-Menqa, l-Isla mill-Parlatorio sal-Ponta, u s'intendi Marsamxett u Birżebbuġa minn Sant' Anġlu sad-Dwana. Imbagħad wara Santa Marija kulħadd jidħol fil-kanal biex kull ekwipaġġ jibda jieħu t-triq….

Jien konvint li jekk id-diriġenti tal-clubs jinsistu mal-qaddiefa tagħhom biex tinbidel is-sistema ta' taħriġ, in-nies terġa' tibda tinżel isegwi dawn il-provi, żgħażagħ oħra jitħajru jinżlu jaqdfu, u fiż-żmien tliet snin jew ftit aktar insolvu l-problema tal-qaddiefa, li preżentament xi wħud mill-clubs qegħdin iħabbtu wiċċhom magħha ta' kull sena.

Kif jidher, l-uniċi żewġ distretti li fil-fehma tiegħi m'għandhomx problemi fejn jidħlu qaddiefa huma Bormla u l-Isla - żewġ clubs miftuħin is-sena kollha, attrezzati bil-gym u b' ħafna żagħżagħ jitħarrġu fl-opri mill-bidu ta' Marzu sal-Vitorja.

Il-clubs l-oħra minkejja li ta' kull sena b'ħafna sagrifiċċji jipparteċipaw fiż-żewġ Regatti Nazzjonali, qegħdin jiffaċċaw diversi problemi, kemm tal-qaddiefa kif ukoll finanzjarja.

Għax illum, kif tafu, biex tarma tajjeb teħtieġ qaddiefa ta' esperjenza u dawn biex takkwista s-servizz tagħhom trid il-flus, u l-maġġoranza tal-clubs m'għandhomx sponsors u s-sussidju min-naħa tal-gvern hu ftit wisq.

Ma ninsewx li dawn iridu jħallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma regolarment, iridu jieħdu ħsieb il-manutenzjoni kontinwa tal-club, tal-opri tat-tiġrija u mitt ħaġa oħra.

Ovvjament d-dħul tagħhom mill-membri naqas sostanzjalment - waħda mir-raġunijiet ġejja min-nuqqas ta' membri, li fis-snin 70 kienu kotrana f'kull club, u d-dħul tagħhom ma kienx jidħol biss mill-ħlas tal-membri, iżda wkoll mil-lotteriji u l-attivitajiet soċjali li kienu jorganizzaw xi wħud mill-kumitati distrettwali għall-membri tagħhom.

Barra minn hekk, problema oħra li ta' kull sena qegħdin iħabbtu wiċċhom magħha xi wħud minn dawn il-clubs hija l-apatija kbira fost il-membri (il-ftit li fadal), fejn m'humiex qegħdin isibu membri biżżejjed biex jiffurmaw il-kumitati tal-clubs tar-Regatta, u għalhekk sena wara l-oħra dejjem tara l-istess uċuħ.

Ħabib tiegħi li dan l-aħħar kont qed nitkellem miegħu dwar il-club tiegħu, qalli li n-nuqqas ta' qaddiefa ma jagħmillekx kuraġġ li tidħol tokkupa kariga fil-kumitat u għaddejna snin fejn lanqas sibna qaddiefa biżżejjed biex narmaw id-dgħajjes.

Qalli li l-partitarji ssibhom warajk meta tirbaħ il-paljijiet, u llum aktar diffiċli li tirbaħ palju għax għandna tliet distretti armati tajjeb bl-aħjar qaddiefa li għandna fil-kanal u li kapaċi jarmaw tajjeb iż-żewġ kategoriji ta' tiġrijiet…